# Xi tbissima ħafifa fl-Aħħar Gwerra

Żmien l-aħħar gwerra hawn Malta kien żmien iebes, b'nuqqas ta' kollox u bil-mewt tħares f'wiċċha l-ħin kollu. Kien żmien il-biża' u s-serjetà. Aptit iċ-ċajt żgur ħadd ma kellu. B'danakollu il-ħajja naturali kompliet bil-vizzjijiet u bil-virtujiet kollha tagħha. Mill-gwerra slitna anki xi praspura li ħolqot tbissima ħafifa u swiet għall-moral tal-poplu, kif kull qatra ilma tiswa fid-deżert.

Tbissima ġiet mal-ewwel *air raids*. Il-kanuni għal kontra l-ajruplani kienu għadhom qed jaslu, però min fuq ir-radju, ġieli qbadna lill-piloti tal-ajruplani. Taljani jgħidu: "Mamma Mia quanto fuoco!", Għalihom, il-ftit kanuni li kien hawn kienu bosta. Mela x'kienu jgħidu kieku reġgħu ġew ftit xhur wara! Il-biża' tat-Taljani żied il-kuraġġ tal-Maltin; almenu għan-nies tal-Gudja u dawk 'il bogħod mill-portijiet.

Qabel bdiet ix-xitwa tal-1940, waslu f'Malta s-suldati tal-*Hampshire Regiment* u għamlu l-*head quarters* tagħhom fil-Palazz Bettina. Ġew mill-Afrika ta' Fuq u l-*landrovers* tagħhom kienu għadhom maħmuġa bir-ramel tad-deżert. Kull nhar ta' Ħadd, fl-għaxra preċiż, is-suldati Kattoliċi tagħhom kienu jimmarċjaw mill-Palazz għall-knisja tar-raħal. Is-suldati Skoċċiżi kienu jkunu bid-dublett u s-sudati Irlandiżi kienu jimmarċjaw quddiem, idoqqu l-flejguta u ċ-ċirimella. In-nies kienet tinġabar fil-misraħ biex tarawhom u l-Kappillan kien jiftħilhom il-bieb il-kbir. F'Jannar tal-1941 bdew l-attakki tal-Ġermaniżi u din iċ-*Church Parade* ma baqgħetx issir.

'Il quddiem, kienu jkunu t-tfal li kienu jilagħbu tas-suldati u jimmarċjaw tnejn, tnejn wara xulxin, jgħidu, "Left right, left right..." It-tfal ma kellhomx wisq aktar biex setgħu jilagħbu.

Kull qalb trid oħra u ma nsemmix xebbiet li, għalkemm ma tantx kienu jafu bl-Ingliż, xorta waħda nnamraw ma' suldati Ingliżi. Kienu jiġbdu għajnejn in-nies meta jarawhom, jaħasra, jiżżewġu fis-sagristija. B'hekk ix-xebba Maltija kienet tiżżewweġ Ingliż. Għal mument dawn l-inċidenti żgħar aljenawna mill-bombi u rifdu l-moral tal-poplu.

Praspura żgħira ġrat fix-xelter li kien hemm 'l isfel minn ġol-kantina ta' taħt l-għassa, fi Triq il-Kbira - illum Triq Raymond Caruana. Waħda mara ta' fama sinjura kienet tinżel fix-xelter b'sidirha kbir. F'lejl minnhom, wara li għedna r-Rużarju u xi talb ieħor, intfew ix-xemgħat u n-nies bdiet biex torqod. Twerżiqa ħasdet ix-xelter. Kienet dik il-mara sinjura li ħasset id sufija ta' raġel nieżla minn taħt geddumha bil-mod il-mod għal ma' sidhirha. Il-Gudja kollha saret taf li f'ħobbha kienet iġġorr id-deheb li kellha. In-nisa ma kinux għadhom bdew jilbsu skullat bosta.

Ġrajja oħra li ħolqot tbissima ġrat fix-xelter tal-misraħ. Familja refuġjata l-Gudja kellha tifla ta' xi sitt snin, jisimha Marija. Kienet ħoxna, b'żewġ wardiet f'wiċċha ser itajru n-nar. Kienet fuq tagħha u xi ftit imqarba. Fix-xelter missierha kien iżżommha fuq saqqu ħdejh. Ma' kull splużjoni ta' bomba jew sparatura tal-kanuni, kien imidd idu biex jiżgura li Marija kienet għadha ħdejh. Jekk le, kien jgħajtilha b'leħen għoli baritonali, "Morija!" u hi, b'leħen irqiq ta' tifla kienet tirrispondi, "Hawn Pa!" Kienet tkun iċċaqalqet u marret fejn xi tifla oħra. In-nies fix-xelter kienu draw jisapportu dan id-dwett li kien jirrepeti ruħu diversi drabi matul l-istess lejl. Jekk Marija ma kinitx tkun fix-xelter, missierha kien jitla' jfittixha u kienet issegwi prietka - l-istorbju jikber. Waqt dak l-*air raid* partikolari fuq ir-raħal tal-Gudja, fil-bidu ta' Mejju tal-1942, Marija rat id-dawl abjad tal-*Parachute Flares* u telgħet fit-triq. Il-kanuni mmirati lejn is-sema fuq il-Gudja, instemgħu qawwija u l-bombi faqqgħu aktar mis-soltu. In-nies fix-xelter immutaw. Missier Marija sejħilha u reġa' sejħilha. Il-blat tal-ħitan tax-xelter kienu qegħdin jirtogħdu u l-anqas li riedu n-nies kien aktar storbju, u għalhekk raġel irrisponda b'leħen irqiq, "Hawn Pa". Kulħadd kuntent, komplew kwieti kif kienu qabel. Wara li spiċċa l-*Air Raid* ġiet Marija u kollha eċitata, bdiet biex tirrakkonta lil missierha kemm kienu sbieħ it-toroq bid-dawl abjad qishom fil-festa, u riedet ukoll tgħidlu liema toroq ġew imblukkati. Missierha skanta, tfixkel u ma riedx jisma'. Qam bilwieqfa u b'rabja resaq għan-nofs jistaqsi, 'Min hu daċ-C... li rrispondieni?"



*Kif il-ħajja kompliet taħt il-bombi*

Kien hemm skiet perfett ħlief minn waħda mara li ħarbitilha daħka. Din il-praspura ġriet mar-raħal kollu u l-għada t-tfal bdew isellmu lil xulxin billi wieħed b'leħen oħxon jgħid, "Morija!" u l-ieħor b'leħen irqiq jirrispondi, "Hawn Pa!".

F'burdata tajba nirrakkonta oħra li ġrat lil Ċikku l-Pulizija. Qabel l-invażjoni ta' Sqallija, l-*Air Raids* fuq Malta kienu ġa bdew jonqsu u dawk li saru ma kinux ikunu tant kbar. Darba sar *Air Raid* bil-lejl u daħal ajruplan wieħed biss li baqa' fl-għoli ħafna u kien mingħalina li lanqas telaq bombi. L-għada bdew jinstabu l-*Anti-personnel bombs* (bombi żgħar kontra l-persuna) li jisplodu xħin tmisshom. Jien sibt bomba qisha *fountain pen* goffa, kompluta bil-molla biex tiddendel mal-but. Kienet f'għalqa u tajret il-ħamrija xħin splodewha s-suldati. Fil-Gudja, Marija Ellul ta' tlettax-il sena u Joseph Farrugia ta' għaxar snin mietu bil-bombi ta' din il-kwalità. Ċikku l-Pulizija kien tant oħxon li kull fejn imur, żaqqu kienet tasal qablu. Bħal ħafna mill-ħoxnin, kien bniedem kalm u x'aktarx kuntent. Wieħed bidwi dam sad-dlam jagħżaq. Xħin mar ikompli l-għada filgħodu kmieni, sab oġġett tond suspettuż, qisu ballun, mixħut fuq il-ħamrija magħżuqa. Ma messux u mar jirrapporta l-għassa. Hemm sab lil Ċikku li ma setax jifhmu u biex żgur ma jiżbaljax mar biex jara b'għajnejh u ma jmissx b'idejh. "Din mhix bomba" qallu malli raha, u kien ser jagħtiha bis-sieq. Qallu, "Fl-għassa għandna inkwatru bl-istampi ta' kif jistgħu jkunu l-bombi u kultant nieqaf inħares lejh; bħal din m'hemmx". Irrifjuta li jġib tal-*Bomb Disposal* għax ma riedx jaqa' għaċ-ċajt. Il-bidwi insista għax skont hu, dik żgur li kien waddabha l-ajruplan. Fl-aħħar Ċikku ċeda. Meta waslu s-suldati, raw il-'ballun' u ordnaw lil Ċikku jressaq lura lit-tfal li laħqu ngabru. "Ersqu lura!" gemgem Ċikku, "għax anki dawn qed jaħsbuha bomba!" Is-suldati poġġew bnadar ħomor fuq il-ħitan u splodew il-ballun bomba. Minn taħt l-ilsien Ċikku lissen, "Bomba kienet!" It-tfal semgħuh u kull fejn jarawh bdew jgħidulu, "Ċikk, bomba kienet!".

Ma nistax ma nsemmix taqbila fuq it-tfajliet tal-*Victory Kitchens*. Nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 1942, fetħu l-*Victory Kitchens* u impjegaw xi tfajliet biex isajru u jqassmu l-ikel. (Ħija kien *supervisor* magħhom) F'nofsinhar biss konna mmorru għar-razzjon u nħallsu żewġ soldi (€0.83) biex jagħtuna platt, jew aħjar, nofs platt, daqqa għaġin, daqqa balbuljata u drabi oħra minestra eċċ. Rari kienu jagħtuna laħam, u meta kienu jagħtuhulna mhux kulħadd kien jieklu għax kienet tkun ħarġet il-fama li n-numru tal-klieb fit-triq kien qiegħed jonqos! Mingħand tal-forn konna nġibu kwart u nofs ħobż għal jum sħiħ; filgħaxija xejn. (m'hemmx ċans teħxien!) F'għajnejn in-nies, it-tfajliet tal-*Victory Kitchens* kienu qegħdin jieklu aktar milli jmisshom billi jlaqqtu kull ma kien jifdal fil-qiegħ tal-borma. Ftit wara, matul is-sena, bdiet il-marda tal-*iscabies* li kienet iġġiegħel lil kulħadd iħokk. Aħna l-ġuvintur konna nittantaw tfajla twajba impjegata biex tnaddaf il-*Victory Kitchen*; kienet terfa' l-libsa biex turi li ma' saqajha ġrieħi tal-*isabies* ma kellhiex. It-taqbila fuq it-tfajliet tal-*Victory Kitchen* intgħoġbot u kulħadd f'Malta kien ikantaha. Versi ripetuti kienu: "Saqajhom ħoxnin, għax jieklu l-għaġin, tal-*Victory Kitchen*". Baqgħet titkanta anke wara li għalqu l-*Victory Kitchens*.

Dawn kienu xi praspar li f'dawk iż-żminijiet koroh nisslu tbissima u aljenaw xi ftit lin-nies. Dik it-tbissima ħafifa turi li l-poplu kien imbeżża' dejjem imma mwerwer qatt, u qatt ma tilef is-sens tal-proporzjon. Daħka qawwija, f'dellirju ta' ferħ ġrat dakinhar tat-8 ta' Settembru (Jum il-Vitorja) wara nofsinhar, għal xis-sitta u nofs meta ċediet l-Italja. Fi spirtu pront, l-irġiel tal-Gudja ħarġu fit-toroq jifirħu, jieħdu b'idejn xulxin, jitgħannqu, jitbewsu, jaqbżu, jgħajtu u jiġġerrew f'dimostrazzjoni ta' ferħ u mistrieħ! Xena li mhux għal kemm iġġibha quddiem għajnejk jekk ma tkunx rajtha. Konna għadna bil-*Black Out*, imma qabel dalam, il-folla mxiet mat-toroq tal-purċissjoni, b'Żeppi 'Vapuri' - missier Raymond Caruana - merfugħ fuq l-ispalel iqabbel rima wara l-oħra kontra 'Musulinu' u jirringrazzja lil Santa Marija tagħna. Ferħ, ċapċip u għajjat ta' approvazzjoni ma' kull taqbila. Dakinhar spiċċat il-biża' u spiċċa l-periklu, u rebħu darba għal dejjem il-libertà u d-demokrazija fil-gżira ta' Malta. Ħlisna mill-għadu qrib tagħna u l-poplu kellu fuqu sens ta' VITTORJA.

Illum nistgħu naraw li veru l-ħajja tkompli mill-aħjar li tista', ikunu x'ikunu iċ-ċirkustanzi. Imma kemm hi isbaħ u kemm titgawda aħjar il-ħajja mingħajr gwerer!

**Gaud P. Borg**



*Fl-1942, f'nofsinhar*
*Kju għar-razzjoni tal-ikel quddiem il-'Victory Kitchen'*